MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 72/2003

**Mario's Rent-A-Car**

**vs**

1. **Jane u Michael konjugi Refalo**
2. **Direttur tal-Customer Services**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fi-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Gunju, 2003 fejn il-konvenuti jew min minnhom intalbu jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa mija u tlett liri Maltin u disghin centezmu (Lm903.90) dovuti bhala hlas ta' kera tal-vettura KIA Avella u bin-numru tar-registrazzjoni EAD 572 u b'digriet ta' l-4 ta' Frar 2004 dan in-numru gie mibdul bie jaqra EAK 572, fil-perjodu bejn it-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) u l-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta (2003).**

**Il-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu wkoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont, l-ispejjez ta' l-ittra interpellatroja mibghuta fil-25 ta' April, 2003, u ta' l-ittra ufficjali mibghuta f'Mejju 2003 (Dok A u Dok B) u l-ispejjez ta' din il-procedura.**

**Ra r-risposta pprezentata mill-konvenuti Dr Michael u Jane Refalo fis-16 ta' Lulju, 2003 fejn intqal illi:**
**Jecepixxu illi huma qatt ma krew l-vettura tal-atturi. Dina kienet mikrija mid-Direttur tal-Customer Services ta' Ghawdex, ghal uzu tal-konvenuta Jane Refalo ghal qadi tad-doveri taghha bhal Assistant Registratur. Ghalhekk ma huma bl-ebda mod responsabbli personalment ghas-somma imsemmija mis-socjeta' attrici.**
**Illi pero' l-konvenuta Jane Refalo taqbel li s-socjeta' attrici ghandha tiehu din is-somma mid-Direttur tal-Customer Services billi fil-perjodu imsemmi fl-avviz hija kienet tuza l-vettura fil-qadi tax-xoghol taghha dana bl-approvazzjoni tad-Direttur tal-Customer Services u d-Direttur Generali tal-Qrati.**

**Ra r-risposta tad-Direttur tal-Customer Services pprezentata fil-15 ta' Lulju, 2003 fejn intqal:**

i. **Illi ma hu dovut l-ebda pagament mid-Dipartiment konvenut ghal-hlas ta' kera tal-vettura Kia Avella mill-perjodu tat-13 ta' Lulju, 2002 sal-31 ta' Marzu, 2003 u dan ghalhiex id-Direttur tal-Qrati u Tribunali ta' Ghawdex kienet, fil-11 ta' Lulju, 2002 irrevokat b'effet mill-ghada 12 ta' Lulju, 2002 il-kirja tal-istess vettura. Din it-terminazzjoni giet konfermata permezz ta' ittra tal-24 ta' Lulju, 2002.**

**Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali responsiva u tal-prezenti.**

**Semgha x-xhieda ta' Pauline Spiteri, John Cremona Direttur Tal-Customer Services, Dr Mary Debono Borg Direttur u Registratur tal Qrati u Tribunali ta' Ghawdex, Charles Micallef Direttur Generali u Registratur tal-Qrati, Jane Refalo. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi**

**kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Is-socjeta' attrici qed titlob hlas ta' kera ta' karozza Kia Avella numru ta' registrazzjoni EAK-572 ghall-perijodu bejn it-13 ta' Lulju, 2002 u l-31 ta' Marzu, 2003.**

**2. Il-konvenuta Jane Refalo qed tghid li l-ammont huwa dovut mill-konvenut id-Direttur tal-Customer Services, filwaqt li l-istess konvenut Direttur qed jghid li l-ammont hu dovut minn Jane Refalo.**

**3. Skond ma xehedet Pauline Spiteri ghas-socjeta' attrici, kien inhareg tender mill-Qorti t'Ghawdex ghall-karozzi tal-kiri. It-tender kien hargu id-Direttur tal-Customer Services u kienet giet accettata is-socjeta' attrici li kellha tipprovdi il-karozzi bir-rata ta' Lm3.45 kull jum mit-12 ta' Marzu, 2001 sat-28 ta' Frar, 2002, Dok. MS1. Ix-xhud tikkonferma li l-pagamenti kienu johorgu mill-Ministeru t'Ghawdex. L-ittra ta' terminzzjoni ircevewha fit-12 ta' Lulju, 2002. Meta fit-13 ta' Lulju s-socjeta' attricit marret biex tigbor il-karozza, skond ma tghid ix-xhud Spiteri, Jane Refalo qalthilhom li rrangaw u ser izzomm il-karozza. Wara bdew jintbaghtu invoices lil Jane Refalo kull xahar.**

**4. Ix-xhud Spiteri tghid li wara xi erba' xhur circa, kellmu lil John Cremona, Direttur tal-Customer Services, tal-Ministeru li qalilhom li kellhom jigbru l-karozza. Skond Spiteri, Jane Refalo qaltilhom li sal-ahhar ta' Jannar, 2003 kellha l-approvazzjoni mill-istess Cremona biex tuza l-karozza, u wara l-31 ta' Marzu, 2003 qalet li kellha l-approvazzjoni tad-Direttur Generali tal- Qorti ta' Malta.**

**5. Jirrizulta mid-Dok. MS2 li s-socjeta' attrici kienet giet infurmata minn Dr Mary DeBono Borg dwar it-terminazzjoni tal-kirja tal-karozza. Is-socjeta' attrici wara t-12 ta' Lulju, 2002, kellmu ukoll lil Dr DeBono Borg, li cemplet lil John Cremon li ikkonfermala li m'ghandu x'jaqsam xejn izjed mal-karozza. Dr DeBono Borg cemplet lis-socjeta' attrici u taghthom**

**struzzjonijiet biex jigbru l-karozza. Is-socjeta' attrici ma haditiex peress illi l-konvenuta Refalo baqghet tinsisti li kellha l-approvazzjoni mill-Ministeru t'Ghawdex biex izzommha. Bhala fatt ma setghetx Jane Refalo tmur kontra dak li ordnat l-istess Dr DeBono Borg, apparti li ma jirrizultax il fil-fatt Jane Refalo kellha xi permes biex tibqa izzomm il-karozza.**

**6. John Cremon, Direttur Tal-Customer Services, jikkonferma li kien ircieva ittra datata 18 ta' Lulju, 2002, Dok. JC1, fejn id-Direttur tal-Qorti fejn Jane Refalo kienet qed tigi nfurmata li b'effett mit-12 ta' Lulju, 2002, kien gie terminat lilha l-uzu tal-karozza. Kien ircieva kopja tal-ittra datat 24 ta' Lulju, 2002 (vide Dok. JC2 u Dok. JC4), mibghuta minn Dr DeBono lil Jane Refalo, sabiex is-socjeta' attrici twaqqaf is-servizz, u sabiex tinzamm responsabbli personalment Jane Refalo.**

**7. Gie innutat ukoll li l-grad li fih kienet Jane Refolo, ma kienx jikkwalifikaha ghall-karozza, u dan gie konfermat mid-Direttur Gernali tal-Qorti ta' Malta.**

**8. Rilevanti wkoll li l-ewwel darba li sar jaf bit-terminzzjoni, skond ma xehed l-istess Cremaona: ".. lil Jane ghidtilha li jien ma nafx li giet terminate il-karozza u li kienet qed tinfurmani hi. Bqajna li kelli nara…. kienx hemm ragun ghal din it-terminazzjoni." Inoltre meta Cremon gie mistoqsi jekk Jane setghetx tibqa tuzaha, wiegeb: "Iva tibqa tuzha." Pero' ikkwalifika din l-ahhar stqarrija u qal ukoll li qalilha li kellha timxi skond l-istuzzjonijiet li inghataw lilha bil-miktub minn Dr Mary DeBono Borg. L-istruzzjonijiet ta' Dr DeBono Borg kienu cari u kienu fis-sens li Jane Refalo ma setghetx tkompli tuza l-karozza. Fil-fatt peress illi Jane Refalo baqghet tuza l-imsemmija karozza, John Cremona kitbilha fit-30 ta' Dicembru, 2002, Dok. JC3 fej qalilha: "….you are requested to note that the instructions contained in the said letter were legitimate and should have been followed."**

**9. Jirrizulta mix-xhieda ta' John Cremon illi l-kuntratt ghall-karozza jinhareg mill-Ministeru t'Ghawdex. Dana qed jinghad peress illi Jane Refalo qed tikkontendi, illi Dr DeBono Borg ma kellha ebda dritt twaqqaf hi mill-uzu tal-karozza, izda biss id-**

**Dipartment of Customer Services. Skond John Cremon, Jane Refalo kienet Assistant Registratur tal-Qorti t'Ghawdex, u imhallsa mill-Ministeru, filwaqt li Dr DeBono Borg kienet parti mid-Dipartiment tal-Customer Services, u tithallas mill-istess Dipartiment, u tidher fl-istaff tal-Ministeru. Innota wkoll li l-Qorti t'Ghawdex amministrattivament taqa' taht il-Ministeru t'Ghawdex.**

**10. Fuq domanda diretta tat-Tribunal, John Cremona wiegeb esplicitament li ma kienx id-Dipartiment tal-Customer Services li waqqaf l-uzu tal-karozza, u li l-ordni hareg mill-amministrazzjoni tal-Qorti t'Ghawdex, li kellha awtorita' tiehu azzjonijiet simili ghan-nom tad-Dipartiment tal-Customer Services.**

**11. Ghal kjarezza John Cremona spjega li ghalkemm huwa minnu li d-Direttur tal-Qorti t'Ghawdex hu appuntat mid-Direttur Generali jew mill-Minisru tal-Gustizzja, f'affarijiet t'amministrazzjoni l-Ministeru t'Ghawdex jirrikonoxxi l-ufficjal inkarigat mill-Qorti biex jamministra l-Qorti u l-affarijiet ta' flus fejn jidhol id-Dipartiment ta-Customer Services.**

**12. It-Tribunl jifhem li amministrattivament ma jaghmilx sens li kieku ghall kull decizjoni, anke fuq lanqas haga, id-Direttur tal-Qorti jrid jirrkorri ghand id-Direttur tal-Customer Services.**

**13. Dr DeBono Borg tikkonferma li l-kuntratt taghha hu mal-Ministeru tal-Gustizzja, pero' l-hlas hu mill-Ministeru Ghal Ghawdex, u amministrattivament hi taqa' taht il-Ministeru Ghal Ghawdex. Dr DeBono Borg tikkonferma li kienet qalet verbalment lil Jane Refalo li ma setghetx tkompli tuza l-karozza, u infurmat b'dan ukoll lis-socjeta' attrici u lid-Dipartiment for Customer Services. Apparti minn dan hi nnutat li kien gie ordni minn Malta li l-Assistenti Registraturi m'ghandhomx dritt ghall-karozza. Charles Micallef, Direttur Generali ghal Qrati u Tribunal f'Malta, ikkonferma dan, u jghid li hu kien ta ordni lil Dr DeBono Borg biex tittermina l-kuntratt tal-kiri ta' karozza ghal Jane Refalo.**

**14. Certa informazzjoni l-istess Dr DeBono Borg ma kelliex access ghaliha peress li kif xehedet hi,**

**Jane Refalo kienet zammet ic-cavetta u ma kelliex access ghall-files relatati ma' Jane Refalo. Dr DeBono Borg ghamlet referenza ghal Aritkolu 2 tat-tender fejn jinghad: "The contract shall be for a period of one (1) year commencing from the date indicated on the letter of acceptance. However, Government reserves the right to terminate this contract at any time by giving five (5) days notice." Dr. Debono Borg itterminat il-kuntratt fil-kapacita' taghha bhala ufficjali tal-Gvern.**

**15. Jirrizulta li Jane Refalo minn Ottubru, 1992 sa Lulju, 2001 kienet tmexxi l-Qorti t'Ghawdex, kienet tahdem fil-kariga ta' Assistant Registratur. Hi tikkonferma li minn Jannar, 1996 l-Qorti t'Ghawdex giet taht id-Department for Customer Services fil-Ministeru Ghal Ghawdex. Hi tikkonferma li Dr DeBono Borg kienet kellmitha biex twaqqaf l-uzu tal-karozza.**

**16. It-Tribunal ma jistghax ma jinnotax li Jane Refalo taght servizz ghall diversi snin fil-Qorti t'Ghawdex, u ghalhekk din necessarjament hassitha urtata bil-fatt li d-Direttur General tal-Qorti ta' Malta, forsi non-kuranti tas-servizz li inghata minn Jane Refalo, iddecieda li jwaqqfilha l-uzu tal-karozza. Mil-lat l-iehor Dr DeBono Borg agixxiet kif suppost u korrettament, u din ma kellha ebda alternattiva hlief li timxi skond l-ordnijiet moghtija mid-Direttur Generali tal-Qorti ta' Malta.**

**17. Fic-cirkostanzi Jane Refalo ma kellha ebda alternattiva hlief li tobdi l-ordni li nghatat. Il-fatt li hi ma attenietx ruhha mal-ordni moghti, igib il-konsegwenza li hi dahlet responsabbli, kif del resto gja kienet intimata, ghall-eventwali spejjez fir-rigward tal-kiri tal-karozza. Ghalhekk ghall-kiri tal-karozza ghandha tirrispondi unikament Jane Refalo.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt illi jillibera lill-konvenut Direttur tal-Customer Services mill-osservanza tal-gudizzju, qed jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti Jane u Michael konjugi Refalo jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa mija u tlett liri Maltin u disghin centezmu (Lm903.90c) bl-imghaxijiet dekorribli mil-lum.**

**L-ispejjez ta' din l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-25 ta' April, 2003, u ta' l-ittra ufficjali ta' Mejju 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta Jane Refalo.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------